MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 123/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Patrick McBride ID 162287M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tletin centezmu (Lm585.30c) rapprezentanti servizzi tat-telefon bin-numri 21464919 u 21585204.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Gunju, 2005, meta gewipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------